11 ta' Ġunju, 1955

Imħallef :
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Concetta Demajo *versus* Lawrence Farrugia

## Appell — Kontumaċja

***Fil-każ preżenti, il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi, billi kienet soddisfatta li d-difensur ta' l-appellant kien taħ x'jifhem li jibghat jsejjaħ meta jkun hemm bżonn fidher il-Qorti, u li għalhekk, in***

*atteża ta' dan l-avviż, l-appellant kien baqa' kontumaċi għall-kapitolu li ġie lilu deferit in prima istanza, kien hemm ġusta kawża għall-purgazzjoni tal-kontumaċja in prima istanza u għar-restituzzjoni "in integrum" kontra l-prova naxxenti mill-konfessjoni preżunta.*

Il-Qorti; — Rat l-avviż bit-talba ta' l-attriċi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £7, tliet xhur kera tal-fond nru. 36, Marina Gate Street, Senglea, skaduti bil-quddiem fis-27 ta' Ottubru, 1954; bl-ispejjeż;

*Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-ewwel ta' Marzu*, 1955, li biha ddeċediet billi laqgħet it-talba ta' l-attriċi; bl-ispejjeż;

Rat iċ-ċitazzjoni fol. 10, li biha l-konvenut appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-provi l-Qorti hi soddisfatta li d-difensur ta' l-appellant taħ "ad intendere" li jibgħat jawżaħ meta jkun hemm bżonn *li jidher fil-Qorti. Kien għalhekk, in atteża ta' dan* l-avviż, li l-appellant kien kontumaċi għall-kapitolu li ġie lilu deferit in prim'istanza, u li ġie ritenut konfessat;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, hemm ġusta kawża għall-purgazzjoni tal-kontumaċja in prim'istanza u għar-restituzzjoni "in integrum" kontra l-prova naxxenti mill-konfessjoni preżunta (ara Appell Inferjuri "Preca vs. White", 4 ta' Diċembru, 1931);

Għalhekk;

*Tiddeċidi* billi tiddikjara li kien hemm ġusta kawża għan-nuqqas ta' komparizzjoni tal-konvenut in prim'istanza, meta ġie lilu deferit il-kapitolu, u tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-kawża;

L-ispejjeż ta' l-inċident, però, għar-raġunijiet indikati fid-deċiżjoni "Preca vs. White", fuq ċitata, jibqgħu a kariku tal-konvenut appellant;

Tiddifferixxi l-kawża għat-trattazzjoni ulterjuri għad-9 ta' Lulju, 1955, b'dan li l-konvenut appellant għandu jippreżenta, mhux aktar tard mill-25 ta' Ġunju, 1955, nota, mu-

nita bil-"visto" tal-kontroparti, li fiha jindika r-ragunijiet tiegħu kontra l-istanza, peress li *in prima istanza*, stante d-delazzjoni tal-kapitolu, ma kienx hemm l-okkażjoni li tiġi specifikata l-kontestazzjoni.